## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. PAUL CALLEJA (KI. 2654M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**30/09/2024**

IL-QORTI,

Wara li rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat u ċioe talli fl-20 ta' Mejju 2018 għal ħabta ta' 15:30hrs u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, fi Triq Ġanni Vella, Mosta u fil-Gżejjer Maltin, permezz tal-vettura tal-għamla Nissan bin-numru ta' reġistrazzjoni IAO 838:

1. **Saq vettura bil-mutur meta kellu l-liċenzja li kienet ġiet mibdula, imħassra, sfigurata jew miżjuda b' xi ħaġa fiha jew b'liċenzja li tappartjeni għal vettura oħra (PBL 020) – (Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, Art. 44 (7)(b)).**

2. **Kellu vettura bil-mutur fit-triq, kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuża mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida, jew permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta' liċenzja temporanja valida, maħruġa mill-Awtorità - (Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, Art. 13(2)).**

3. **Uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna ma tkunx fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni - (Kap. 104, Art. 3(1)).**

4. **Saq, ġiegħel jew ħalla l-imsemmija vettura u għamel użu minn diska tal-liċenzja maħruġa fuq vettura oħra bin-numru LSV 002 li hi reġistrata fuq vettura tal-marka Nissan u użaha fuq il-vettura li kienet qed tinstaq - (Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, Art. 20).**

5. **Għamel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari (LSV 002 Leyland) - (Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, Art. 44(5)).**

Wara li rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019.

Wara li qrat it-traskrizzjoni tax-xhieda li nstema' quddiem din il-Qorti diversement presjeduta u ċioe ta' **Charles Curmi** (16 ta' April 2019).

Wara li semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u qrat it-traskrizzjoni tax-xhieda tagħhom ċioe ix-xhieda ta' **Adrian Figallo** (28 ta' Marzu 2023), **Jesmond Musu** (28 ta' Marzu 2023), **Spettur Nicholas Vella** (28 ta' Marzu 2023) u tal-imputat **Paul Calleja** (28 ta' Mejju 2023).

Wara li qrat l-affidavits ta' **PS 224 Susanne Mifsud** u **Stephen Cachia.**

Wara li semgħet it-trattazzjoni finali.

Wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Qabel xejn il-Qorti tqis illi ma tistax tieħu in konsiderazzjoni x-xhieda ta' **Charles Curmi** stante illi din kienet ingħatat meta ma kienx preżenti l-imputat. Għalkemm tista' tifhem l-*animus* tal-Maġistrat li kien ordna li tinstema tali xhieda (partikularment tenut kont il-volum kbir ta' kawżi fis-seduta tat-traffiku) sabiex dan ma jkunx tela' għalxejn, fl-istess ħin il-Qorti tqis illi ġaladarba salv ċertu eċċezzjonijiet ben definiti fil-liġi l-imputat għandu ikun dejjem preżenti waqt il-proċediment kriminali, ikun għaqli illi f'dan l-istadju sabiex jiġu evitati komplikazzjonijiet inutli illi ma tieħux in konsiderazzjoni dak li ntqal mix-xhud imsemmi matul tali seduta.

Inoltre il-Qorti tara ukoll illi l-akkużi ġew notifikati lill-imputat permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali (skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 9.22) tal-10 ta' April 2019. Stante illi l-allegat reati ġew kommessi fl-20 ta' Mejju 2018 u fil-ġranet u xhur ta' qabel, dan ifisser illi imputazzjoni minnhom sejra tirriżulta li hija preskritta bit-trapass taż-żmien.

*Provi*

1. Jirriżulta mill-affidavit ta' **PS 224 Susanne Mifsud** illi fil-15 ta' Mejju 2018 għall-ħabta tad-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija, irrapporta l-Għassa tal-Pulizija tal-Mosta ċertu Jesmond Musu, f'isem il-Malta Industrial Parks fejn dan infurma lill-Pulizija li permezz tas-sistema ta' *CCTV* li jinsabu installati fi Triq il-Parsott, kantuniera ma' Triq il-Kappar, Mosta, ġewwa ż-żona industrijali, kien inqabdu diversi vetturi jieqfu fil-kantuniera filwaqt li jintrema bosta skart goff u skart domestiku konsistenti *inter alia* f'injam u kartun. Ġew mgħoddija lill-Pulizija numru ta' ritratti meħuda mis-sistema tas-CCTV fejn fost oħrajn inqabdet vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LSV 002 li kienet vann magħluq bil-ħġieġ ta' lewn blu u abjad. Mill-informazzjoni interna tagħhom però rriżulta lill-Pulizija li dak in-numru kien jgħajjat lil vettura tal-għamla LEYLAND Axle Rigid ta' lewn iswed. Il-Pulizija għalhekk għamlet kuntatt mas-sid reġistrat, ċertu Mario Camilleri, fejn dan informa lill-Pulizija illi l-vettura tiegħu kienet tinsab ġewwa *compound* tal-Gvern ġewwa l-Marsa u li n-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu kien qiegħed jintuża minn terzi. F'dan ir-rigward huwa filfatt kien għamel numru ta' rapporti mal-Pulizija peress li beda jirċievi ċ-ċitazzjonijiet.

2. Mir-ritratti provduti lill-Pulizija dawn setgħu jagħrfu li l-persuna li kienet qed tagħmel użu mill-vettura bin-numru LSV 002 kien ċertu Paul Calleja bin-numru tal-identita' 2654M. Meta fl-20 ta' Mejju 2018 l-Pulizija rrikorriet fir-residenza tiegħu Numru 9, Masabelle, Triq Ġanni Vella, Mosta, hija sabet illi kien hemm blokka bini qed tiġi kostruwita minflok ir-residenza tiegħu u li quddiem l-istess blokka kien hemm il-vettura in kwistjoni bin-numru LSV 002 ta' lewn abjad u blu tal-għamla Nissan Vanette. Kien l-istess imputat illi avviċina lill-Pulizija u qallhom li l-vettura kienet tiegħu iżda ma jsuqiex. Huwa ġie akkumpanjat mill-pulizija ġewwa l-Għassa fejn ġie mitkellem mill-

Ispettur Nicholas Vella. Sadanittant il-vettura ġiet irmonkata u ttieħdet ġewwa l-*compound* tal-Pulizija filwaqt li l-*license disc* li kienet tgħajjat lil vettura bin-numru PBL 020 tal-għamla Toyota Dyna (li kienet ukoll skadiet f'April 2017) ġiet elevata mill-Pulizija. Minn aktar investigazzjonijiet irriżulta ukoll illi l-vettura in kwistjoni, Nissan Vanette, oriġinalment kellha l-pjanċi ta' reġistrazzjoni IAO 038.

3. Fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2023 xehed **Adrian Figallo**, ħaddiem tal-kumpanija ITC Limited li spjega li l-kumpanija kienet bdiet tirċievi numru ta' ċitazzjonijiet relatati ma' sewqan eċċessiv li kien inqabad bl-*ispeed cameras* relatat mas-sewqan tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LSV 002 li kienet tappartjeni lill-kumpanija. Din il-vettura però kienet *impounded* ġewwa maħżen ta' Transport Malta u allura ma kellhiex tkun fit-triq. Kien għalhekk li l-kumpanija rrappurtat dan il-fatt lill-Pulizija ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun. Ix-xhud esebixxa ukoll kopja tar-riċevuta ta' dawn ir-rapporti flimkien maċ-ċitazzjonijiet infushom li jinkludu ukoll ir-ritratti tal-vettura fil-waqt tas-sewqan eċċessiv.

4. Fl-istess seduta xehed **Jesmond Musu** li ġie mistoqsi dwar ir-rapport li għamel lill-Pulizija fil-15 ta' Mejju 2018 skond kif ingħad minn WPS 224 Susanne Mifsud fl-*affidavit* tagħha. Huwa qal li jaħdem mal-Indis Malta li qabel kienet Malta Industrial Parks. Din għandha kamra li tieħu ħsieb is-sistema ta' CCTV li għandha u li meta l-*cameras* jaqbdu n-nies jarmu, xi ħaġa li tiġri xi seba' darbiet kuljum, jsir rapport minnu lill-Għassa ta' fejn ikun sar l-akkadut. F'dan il-każ partikolari hekk kien ġara. It-triq fejn inqabdet il-vettura in kwistjoni hija Triq il-Kappar, Mosta, fejn fil-kantuniera kien hemm numru ta' *skips.* Kien waqaf vann u min kien ġo fih kien rema diversi kaxxi tal-kartun mal-art. Meta ġie muri erba' ritratti esebiti mill-Prosekuzzjoni (immarkati bħala Dok MV 1 – 4, huwa kkonferma li dawn kienu juru partijiet mill-filmati tas-CCTV u li r-ritratti stess kien ħadhom huwa u kien għaddihom lill-Pulizija. Ma kienx ċert jekk kienx għadda ukoll il-filmat lill-Pulizija.

5. Xehed ukoll fl-istess seduta l-**<u>Ispettur Nicholas Vella</u>** li qal li dak iż-żmien tal-akkadut huwa kien stazzjonat l-Għassa tal-Mosta. Spjega li l-investigazzjoni fuq dan il-każ kienet saret minn PS 224 Suzanne Mifsud li kien irriżultalha li l-vettura kienet qed tiġi misjuqa mill-imputat. Dan inġieb l-Għassa u kien ġie mitkellem minnu stess wara li kienu ngħatawlu s-soltu drittijiet. Huwa ffirma li kien qed jirrifjuta li jikkonsulta avukat tal-fiduċja tiegħu. Preżenti għall-istqarrija kien hemm ukoll PC 56 u PS 224. Ix-xhud esebixxa l-istqarrija u d-dikjarazzjoni ta' rifjut ffirmati skond il-liġi. Ħarsa lejn l-istqarrija turi li l-imputat għażel, kif kellu kull dritt li jagħmel, li ma jweġibx għad-domandi li kienu sarulu.

6. Fl-istess seduta ġie esebit u notifikat lill-imputat l-affidavit ta' **<u>Stephen Cachia</u>**, rappreżentant ta' Transport Malta. Dan qal li mir-*records* tal-Awtorita' rriżultalu li:

    i. l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAO 838 tal-għamla Nissan Vanette, fl-20 ta' Mejju 2018 kienet reġistrata fuq ċertu Elton Vassallo (KI. 124779M) u kienet ilha hekk reġistrata fuqu sa mis-17 ta' Jannar 2007. Din ġiet *scrapped* fil-25 ta' Settembru 2009,

    ii. l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LSV 002 tal-għamla Leyland Refrigerated, fl-20 ta' Mejju 2018 kienet reġistrata fuq Mario Camilleri (KI. 903050M) għan-nom ta' ITC Limited u kienet ilha hekk reġistrata fuqu f'dik il-kapaċita' sa mill-4 ta' Frar 2000. Il-liċenzja ta' din il-vettura kienet skadiet fil-31 ta' Diċembru 2003,

    iii. in-numru ta' reġistrazzjoni PBL 020 kien inħareġ għal vettura tal-għamla Toyota Dyna, reġistrata fuq Charles Polidano (KI. 506259M) għan-nom ta' Polidano Brothers Ltd u kienet ilha hekk reġistrata fuqu f'dik il-kapaċita' sa mill-14 ta' Jannar 2004.

Ix-xhud esebixxa mal-istess *affidavit* numru ta' dokumenti in sostenn ta' dak li stqarr.

7. Fis-seduta tat-28 ta’ Mejju 2023, xehed minn rajh l-imputat **<u>Paul Calleja</u>**. Dan spjega illi dakinhar tal-akkadut huwa kien wasal fl-aħħar fażiiet tal-*finishes* tal-blokka tiegħu li kien għaddu kemm bena. Huwa ma kellux vann u peress li kien hemm il-kartun li xtaq jarmi huwa aċċetta l-offerta tal-persuna Sirjana li kien qed jiksilu, sabiex jieħu l-vann tiegħu biex imur jarmi. L-imputat spjega illi għabba l-kartun u l-*pallets* fil-vann u mar jarmi l-kartun ġewwa *skip* fil-Mosta. Qal illi ma kienx jaf li l-*iskip* huwa wieħed privat. Ikkonferma illi huwa l-persuna li jidher fir-ritratti esebiti fil-proċess meħuda mill-filmat tas-CCTV. Qal illi kienet marret surġent tal-Pulizija tkellmu ħdejn id-dar tiegħu u talbitu jakkumpanjaha ġewwa l-Għassa tal-Mosta fejn ġie mitkellem mill-Ispettur. Xi sitt xhur wara imbagħad kien irċieva l-akkużi.

*Kunsiderazzjoni*

*L-ewwel imputazzjoni*

8. L-ewwel imputazzjoni hija dik illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat saq vettura bil-mutur meta kellu l-liċenzja li kienet ġiet mibdula, imħassra, sfigurata jew miżjuda b' xi ħaġa fiha jew b’liċenzja li tappartjeni għal vettura oħra (PBL 020) u dan bi ksur tal-Art. 44(7)(b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02. Dan l-artiklu jipprovdi kif ġej:

**’44 (7) Il-pieni għal kontravenzjonijiet oħra taħt dawn ir-regolamenti jkunu dawn li ġejjin:**

**...**

**(b) sewqan ta’ vettura bil-mutur b’liċenzja li tkun ġiet mibdula, imħassra, sfigurata jew li jkun ġie miżjud xi ħaġa fiha jew b’liċenzja li tappartjeni għal vettura oħra ........................... €70’**

9. Jirriżulta ppruvat, *ex-admissis,* illi fil-15 ta' Mejju 2018[1] fil-ħin u lok[2] in kwistjoni l-imputat kien qiegħed verament isuq vettura tal-għamla Nissan Vanette ta' lewn abjad u blu. Din kienet tidher li kellha l-pjanċi bin-numru ta' reġistrazzjoni LSV 002 imma filfatt, kif xehed Stephen Cachia (Transport Malta), dawn il-pjanċi kienu abbinati ma' vettura oħra (Leyland Refrigerated) li kienet proprjeta' ta' ITC Limited u li kienet ġewwa l-*compound* ta' Transport Malta. Mill-istess xhieda ta' Cachia rriżulta ukoll illi n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura li kien qed isuq l-imputat kien filfatt IAO 038 u li l-istess vettura suppost kienet ilha *scrapped* sa' mill-25 ta' Settembru 2009. Iktar minn hekk il-*license disc* mwaħħla mal-*windscreen* tal-vettura misjuqa mill-imputat (esebita ukoll fil-proċess) kienet tappartjeni għal vettura tal-għamla Toyota Dyna bin-numru ta' reġistrazzjoni PBL 020. Għalhekk il-**<u>fatti</u>** kostituttivi ta' dan ir-reat jirriżultaw li ġew ippruvati.

10. Madanakollu kif ġie deċiż numru ta' drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali[3], l-pieni pekunjari elenkati taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi. Għalhekk il-Qorti ma tistax ħlief tillibera lill-imputat minn din l-ewwel imputazzjoni anke jekk il-fatti tagħha jirriżultaw pruvati.

*It-tieni imputazzjoni*

11. It-tieni imputazzjoni hija dik illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat kellu vettura bil-mutur fit-triq mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida, jew permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta' liċenzja temporanja valida, maħruġa mill-Awtorità u

---

[1] L-element taż-"żmien" rikjest fiċ-ċitazzjoni huwa sodisfatt peress illi dan jindika d-data tal-20/5/2018 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel.

[2] Dwar il-lok jingħad illi r-rapport mix-xhud Jesmond Mousu' sar dwar *skips* li kienu jinsabu fi Triq il-Kappar, Mosta. L-allegat reati għalhekk ma sarux fi Triq Ġanni Vella, Mosta (li huwa filfatt il-post tar-residenza tal-imputat) kif indikat fil-komparixxi. Madanakollu il-lok (Triq il-Kappar, Mosta) naturalment huwa fil-Gżejjer Maltin u peress illi l-komparixxi ssemmi ukoll "il-Gżejjer Maltin" bħala l-lok tar-reati, dan l-element rikjest fiċ-ċitazzjoni huwa sodisfatt partikularment in vista tal-konferma mill-imputat innifsu li kien hu li kien qiegħed isuq il-vettura in kwistjoni.

[3] Ara fost oħrajn **<u>Pulizija v. Carmelo Sammut</u>** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017) u **<u>Pulizija v. James Zammit</u>** (App Krim 66/2021 GG, 29/11/2021)

dan bi ksur tal-Art. 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02. Dan l-artiklu jipprovdi kif ġej:

> **'13(2). L-ebda vettura bil-mutur ma tista' tkun fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida, jew permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta' liċenza temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, maħruġa mill-Awtorità sakemm il-vettura bil-mutur ma tkunx eżenti taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att.'**

12. Mill-provi jirriżulta illi l-vettura ma kelliex liċenzja taċ-ċirkolazzjoni valida stante illi hija suppost kienet ilha li ġiet *scrapped* sa' mill-25 ta' Settembru 2009. Għalhekk il-fatt tar-reat jirriżulta ben pruvat.

13. L-artikolu tal-liġi li jistabbilixxi l-piena għal dan ir-reat huwa dak ravviżat fl-Art. 44(7)(a) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja li jipprovdi kif ġej:

> **'44 (7) Il-pieni għal kontravenzjonijiet oħra taħt dawn ir-regolamenti jkunu dawn li ġejjin:**
>
> **(a) sewqan ta' vettura bil-mutur mingħajr ma l-vettura jkollha liċenzja valida .............mhux aktar minn €235 jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur'**

14. Kif ġa ngħad dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi sentenzi ddikjarat illi ma tistax teroga l-pieni pekunjarji elenkati taħt dan ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 billi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi. Madanakollu u kif għamlet l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija v. Carmelo Sammut** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017), billi dan ir-reat speċifiku għandu ukoll il-piena alternattiva ta' priġunerija, il-Qorti xorta tista' ssib ħtija u teroga din il-piena alternattiva u għal din ir-raġuni hija tista' u sejra ssibu ħati tagħha.

*It-tielet imputazzjoni*

15. It-tielet imputazzjoni hija dik illi l-imputat uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, meta għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna

ma kienetx fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan bi ksur tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104. Il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' dan ir-reat huwa dak ta' sitt (6) xhur u billi laħqu għaddew kważi ħdax-il xahar bejn id-data tar-reat u d-data ta' meta l-imputat ġie notifikat bl-akkużi, din l-imputazzjoni tirriżulta li hija preskritta bit-trapass taż-żmien.

*Ir-raba imputazzjoni*

16. Ir-raba' imputazzjoni hija dik illi l-imputat saq, ġiegħel jew ħalla l-imsemmija vettura u għamel użu minn diska tal-liċenzja maħruġa fuq vettura oħra bin-numru LSV 002 li hi reġistrata fuq vettura tal-marka Nissan u użaha fuq il-vettura li kienet qed tinstaq u dan bi ksur tal-Art. 20 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> **'20. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 25, il-liċenzja maħruġa dwar vettura bil-mutur partikolari m'għandhiex tiġi użata għal xi vettura bil-mutur oħra u għandha tkun soġġetta għal kull regolament fis-seħħ meta tinħareġ il-liċenzja. Dawn il-liċenzji għandhom joħorġu biss f'isem persuna waħda'**

17. Kif ġa ngħad, jirriżulta illi l-*license disc* li kienet fuq il-vettura misjuqa mill-imputat, kienet maħruġa għal vettura oħra u ċioe għall-vettura tal-għamla Toyota Dyna bin-numru ta' reġistrazzjoni PBL 020.

18. L-artikolu tal-liġi li jistabbilixxi l-piena għal dan ir-reat huwa dak ravviżat fl-Art. 44(7)(b) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja liema artikolu huwa dak li ġie ċitat ukoll fl-ewwel imputazzjoni. Għall-istess raġunijiet elenkati iktar 'l fuq filwaqt li l-Qorti tqis illi l-fatti ta' dan ir-reat ġew pruvati, madanakollu hija ma tistax teroga l-piena pekunjarja stabbilita fl-Art. 44(7)(b) u fiċ-ċirkustanzi sejra ukoll tilliberah minn din l-imputazzjoni.

*Il-ħames imputazzjoni*

19. Finalment l-imputat ġie akkużat ukoll illi għamel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari (LSV 002 Leyland) u dan bi ksur tal-Art. 44(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02. Dan l-artiklu jgħid hekk:

> **'44 (5) Kull persuna li tagħmel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat.**
> **(6) Persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt is-subregolamenti (1),(2), (3), (4) u (5) tista' teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, sakemm ma tkunx tapplika penali ogħla taħt xi liġi oħra, f'liema każ il-Qorti għandha tapplika dik il-penali oħra jew din il-penali miżjuda bi grad jew b'żewġ gradi, skont liema waħda hi l-ogħla.'**

20. Jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubbju illi l-imputat kien qed jagħmel użu minn pjanċi ta' reġistrazzjoni (LSV 002) li ma kienux jappartjenu għall-vettura li kien qiegħed isuq peress illi kif ingħad dawn fil-fatt kienu jappartjenu għall-vettura tal-għamla Leyland Refrigerated. Għalhekk il-Qorti sejra ssibu ħati ta' din il-ħames imputazzjoni.

*Piena*

21. Fix-xhieda tiegħu l-imputat stqarr illi huwa kien għamel użu mill-vettura in kwistjoni mingħajr ebda intenzjoni ħażina peress illi kien aċċetta l-offerta tas-Sirjan li kien qed jaħdimlu sabiex jagħmel użu mill-vann <u>tas-Sirjan</u> temporanjament. Il-Qorti inizjalment kellha d-dubbji tagħha dwar kemm hija kredibbli din it-teżi tal-imputat presumibilment offruta lilha sabiex tikkunsidra mitigazzjoni fil-piena. Harsa aktar dettaljata tal-fedina penali esebita fl-atti turi però illi fit-2 ta' Ottubru 2012 l-imputat kien diġà nstab ħati minn din il-Qorti, diversement presjeduta, *inter alia* talli fl-1 ta' Marzu 2012 għall-ħabta ta' 02.30 hrs, *"għamel użu minn pjanċi tan-numru ta' reġistrazzjoni DAB-585 maħruġa fuq vettura tal-marka "Peugeot 405" u użahom fuq il-vettura tal-marka "Nissan Vanette" li kienet reġistrata bin-numru IAO-838* u li *"għamel użu minn liċenzja ta' vettura bil-mutur partikolari oħra li kienet maħruġa fuq vettura tal-marka "Kymco" reġistrata bin-*

*numru BBQ-102 u użaħa fuq il-vettura tal-marka "Nissan Vanette" li kienet reġistrata bin-numru IAO-838."* Dan ifisser fi kliem sempliċi illi l-imputat mhux biss ikkommetta dan l-istess aġir fil-passat bl-istess vettura, iżda inoltre kellu l-ardir illi jigdeb b'mod sfaċċat fix-xhieda tiegħu – xi ħaġa li apparti li tattira l-ikbar stmerrija minn din il-Qorti jikkonsisti ukoll f'kummissjoni ta' reat ieħor, dak ta' sperġur .

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel u mir-raba' imputazzjoni stante illi l-piena pekunjarja applikabbli ma tistax tiġi erogata minnha, u mit-tielet imputazzjoni stante illi hija preskritta, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 (abbinat mal-Art. 44(7)(a) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja) u l-Art. 44(5) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, issibu ħati tat-tieni u l-ħames imputazzjonijiet, u għalhekk tikkundannah iħallas multa ta' elf u mitejn euro (€ 1,200) flimkien ma' sentenza ta' priġunerija għal żmien sitt (6) xhur sospiża għal żmien sentejn mil-lum. Ġie spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk matul il-perijodu operattiv huwa jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Inoltre, il-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga lill-imputat sabiex jiddetermina jekk hux passibbli fil-konfront tiegħu għar-reat ta' sperġur.**

**V.G. Axiak** | **Y.M. Pace**
**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**